MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 283/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 2903/10 fl-ismijiet:**
**Pentasia Malta Limited (C38099)**

**Vs**

**Peter Czwalina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta' attrici nhar id-9 t'Awwissu 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat u dan sabiex tikkawtela l-kreditu li hija ghandha kontra l-intimat, u dan billi talbet lill-Qorti sabiex izzommu milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', w b'mod partikolari wiehed u disghin elf mitejn u hamsin (91,250) sehem ordinarnju registrat f'isem l-intimat Peter Czawalina fis-socjeta'

kummercjali Panther Entertainment Limited li ghandha n-numru ta’ registrazzjoi C 48986.

Rat id-digriet taghha td-9 ta’ Awwissu 2010 fejn provizorjament laqghet it-talba tas-socjeta’ rikorrenti u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi l-intimat ma pprezenta l-ebda risposta nonostante n-notifika tieghu, kif jirrizulta mir-riferta tal-Purtier Reno Spiteri datata 2 ta’ Settembru 2010 a fol. 15 tergo tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2010 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet u l-avukat difensur tal-intimat stqarret li m’hemmx lok ghar-risposta.

Ir-rikors gie trattat mill-avukati tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-avukat tar-rikorrenti kkonferma li s-socjeta’ rikorrenti ghandha kreditu kontra l-intimat u l-intimat m’ghandux mezzi finanzjarji hawn Malta, w lanqas m’ghandu prorpjeta’ immobbli, w kull m’ghandu huma l-ishma li gew milquta bil-mandat fuq surriferit.

Illi l-avukat tal-intimat ma cahditx li s-socjeta’ rikorrenti verament hija kreditrici tal-intimat, izda sostniet li l-ishma maqbuda ghandhom valur in eccess ghall-ammont mitlub fil-Mandat ta’ Inibizzjoni, skond in-nota minnha pprezentata fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2010.

Il-Qorti rat in-nota esebita w id-dokument anness maghha, w jirrizulta li l-intimat ghandu wiehed u disghin elf, mitejn u hamsin sehem (91,250) li ghandhom valur nominali ta’ ta’ 50 Euro centezmu (€0.50) kull sehem.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli - Sede Superjuri fl-ismijiet **Joan Zammit Vs Anthony Zammit** deciza nhar it-18 ta' Jannar 1963 fejn inghad li "*Biex il-Qorti tista' tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, l-ligi trid biss li l-Qorti tkun soddisfatta illi l-mandat hu necessarju biex jikkawtela d-drittijiet ta' min jitlob il-hrug tieghu, u illi min jaghmel dik it-talba jkollu "prima facie" dawk id-drittijiet. Il-Qorti tista' tkun hekk soddisfatta bi kwalunkwe mod li jidhrilha xieraq u bastevoli, meta jkun hemm cirkostanzi specjali li jissuggerulha dan il-kors*".

Jinghad ukoll li skond is-sentenza moghtija minn dik l-istess Qorti nhar l-14 ta' Lulju 1988 fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe Vs Stephanie Manfre'** *"L-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'ghandhiex tohrog dan il-mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikkorrent, u li dan ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawn il-jeddijiet"*

**Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li s-socjeta' rikorrenti veru ghandha kreditu fil-konfront tal-intimat, u dan ghaliex lanqas ma giet kontestata l-pretensjoni taghha mill-intimat. Illi dwar il-valur tal-ishma maqbuda, din il-Qorti m'ghandha l-ebda prova dwar il-valur rejali taghhom u jekk fil-fatt ghadhomx *paid up shares*, u ghalhekk it-talba tas-socjeta' rikorrenti qieghda tigi milqugha.**

**Tordna ghalhekk li l-ishma maqbuda jibqghu koperti b'dan il-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------